# MIKIEL CACHIA
# INĠINIER U PATRIJOTT

Mexxej taż-Żwieten fl-Imblokk tal-Franċiżi.

Mikiel Cachia twieled iż-Żejtun fit-30 ta' Settembru, 1760. Ftit li xejn nafu fuq it-trobbija u l-edukazzjoni tiegħu, però malajr nistgħu nieħdu ħjiel ta' dan jekk nagħtu daqqa t'għajn lejn ix-xogħol li jkun wettaq.

Nafu li Cachia kien inġinier mill-aħjar kif ukoll perit tar-raba. Tajjeb li nsemmu x-xogħlijiet li għamel fl-Assedju tal-Franċiżi. Hu bena l-fortifikazzjonijiet kollha taż-Żejtun, kif ukoll it-trunċiera Tal-Borġ. Huwa kien ukoll dak li bena tista' tgħid il-batteriji kollha tal-Maltin kontra l-Franċiżi. Ismu jissemma wkoll fit-trunċiera tas-Samra, f'dik Ta' Kordin, il-batterija ta' Santu Rokku u l-polverista taż-Żejtun. Huwa waqqaf ħafna ħitan fil-Marsa biswit iċ-ċimiterju tat-Torok u għaqqad il-Pixkerija tal-Marsa mal-baħar.

Meta niġu biex nitkellmu dwar Mikiel Cachia bħala **patrijott**, irridu naqsmu din il-ħidma tiegħu bejn dak li għamel għal raħal twelidu u dak li rnexxielu jagħmel għal Malta tagħna f'dan iż-żmien hekk diffiċli għal pajjiżna. F'dan tallum se nillimitaw ruħna lejn l-ewwel parti u naraw kif irnexxielu jorganizza liż-Żwieten u l-irħula ta' madwar f'difiża soda kontra l-Franċiżi. Tant kienet effiċjenti illi kieku ma kienx għal dan, il-kumplament tal-Maltin fuq il-front tal-gwerra in-naħiet ta' fuq kienu probabilment isofru ħafna aktar ġuħ milli fil-fatt sofrew. Dan għaliex minn Marsaxlokk kienu joħorġu dgħajjes lejn Sqallija u jiġu lura bi proviżjon ta' qamħ. Jiddispjaċina illi meta ħafna mill-istoriċi tagħna jikkummentaw fuq żmien l-irvell kontra l-Franċiżi iħobbu jikkwotaw dejjem l-istess episodji. Jidhrilna illi dan kollu għandu jkollu l-importanza tiegħu fin-nisġa eżatta ta' dan il-perjodu fl-istorja tagħna.



*Il-Knisja parrokkjali tagħna illi ntużat minn Mikiel Cachia sabiex minn fuqha jibgħat is-sinjali lin-nies u l-irħula ta' madwar waqt l-imblokk tal-Franċiżi.*

Fl-irvell tal-Maltin kontra l-Franċiżi insibu li ż-Żwieten ma baqgħux lura u l-ħidma tagħhom immexxija minn Mikiel Cachia tat il-frott mixtieq. Fuq dan li għandu x'jaqsam maż-Żejtun l-istess Mikiel Cachia jagħti rendikont dettaljat ta' x'ġara u kif organizza lil ħutu Żwieten. Hekk r-rendikont dettaljat illi ħallielna: (1).

Rapport ta' Mikiel Cachia fuq dak li sar fin-naħa tal-Lvant, jiġifieri fiż-Żejtun, f'Ħaż-Żabbar, Ħal Tarien, Ħal Għaxaq, il-Ġudja, Ħal Kirkop, Ħal Safi u ż-Żurrieq meta beda l-irvell tal-Maltin kontra l-Franċiżi, li beda fl-Imdina fit-2 ta' Settembru 1798... Sa dan il-jum (it-3 ta' Settembru) inkella il-lejl ta' qablu, fiż-Żejtun ma saret l-ebda tqanqila, anzi ħadd ma ħareġ mir-raħal, għax kienu nstemgħu xi kanunati u xi azzarinati miġbudin fl-Imdina fil-lejl ta' qabel. Fis-sitta ta' filgħodu, (3 ta' Settembru) indaqqew il-qniepel u f'daqqa waħda il-pjazzja tal-knisja taż-Żejtun intliet b'ħafna nies, fejn mort ukoll jiena. Hekk kif wasalt rajt in-nies fuq il-knisja jqattgħu l-bandieri tal-Franċiżi u jitgħuhom għal fuq iz-zuntier, u rajt nies oħra illi bdew tilgħin wieħed fuq l-iehor sa kemm laħqu sal-arma tal-Franċiżi u xeħtuha fl-art u farrkuha. Wara li b'xi mod ikkwetat l-ewwel furja kull ħadd baqa' maħsud, ma jafx x'għandu jagħmel u mbeżża'. Kif kont fuq iz-zuntier ġew maġembi xi nies magħrufin ta' l-istess raħal u talbuni bien ingħidilhom jiena x'għandhom jagħmlu. Għalhekk weġibt: – "Jewwilla fi żmien l-Ordni, mhux int kont l-Ajjutant Ġenerali tar-Riġment taż-Żejtun, u kont tmexxi u tikkmanda l-affarijiet militari; issa ġej tgħidilna li m'intix kapaċi! Dan jurina li int ġakbin u kontra tagħna!" Għalhekk jiena għamilt dan id-diskors li ġej, f'nofs il-pjazza quddiem kullħadd: "Jiena qatt ma kont kontra l-patrija tiegħi, u nittama bil-għajnuna t'Alla li ma nkun qatt. La intom għandkom din il-fiduċja fija, jiena bil-qalb kollha nilqagħha kemm-il darba taħilfu li tagħmlu dak li ngħidilkom, meta dan ikun floku." Fl-istess Tnejn, fit-8, ittieħed dan il-ġurament. Għalhekk l-ewwel ordnajt li jintagħalqu t-toroq, li fuq il-bjut ta' kull dar ilestu ħafna ħaġar biex ikun mitfugħ lill-għadu. Ħallejt il-bejt tal-knisja għal l-irtirata f'xi bżonn kbir, bil-għodda meħtieġa biex ikissru l-kotra ta' ħaġar li kien hemm biex jitkompla l-gwarniċun. Imbagħad ġiegħelt lil xi wħud biex jieħdu ħsieb il-ħwejjeġ ta} l-ikel u oħrajn b iex ifittxu l-armi, polvri u ħwejjeġ oħra. Malli għarrfuni li l-Franċiżi telqu l-polvrista l-kbira, bagħat malajr xi rġiel kuraġġjużi u waslu biex jieħdu xi għoxrin barmil polvri, u ġabuhom iż-Żejtun. Mit-tfittixija ta' l-armi ġbarna 17-il xkubetta żgħira, xi daqshekk ieħor tal-kaċċa, ftit xwabel, u baljuletti qodma. Kif qgħadna naħsbu kemm jatu kuraġġ dawn l-armi għad-difiża tagħna, u biex inżidu l-armi, ma stajniex nagħmlu ħaġa oħra, ħlief li nieħdu l-lasti tan-nissieġa, u nagħmlulhom ponta minn dak il-ħadid qadim li konna sibna. Minn dawn għamilna għadd mhux ħażin. F'dan l-istat tal-biża', il-ħsieb tan-nies kien li kullħadd kellu joqgħod fir-raħal tiegħu, sa kemm l-irħula ta' qrib il-Kottonera jdoqqu l-qniepen u allura kullħadd jiġri mingħajr ma jaf għalfejn. Meta rajt hekk mort f'dawn l-irħula u wrejthom kemm kelna bżonn li nagħmlu mblokk sewwa, inkella nkunu mitlufin lkoll. Għal dan il-parir tiegħi qalu li għandu jsir imblokk sewwa. U biex inkunu qegħdin kif imiss urejt lin-nies illi jkun hemm bżonn li jintagħżel Kap tal-Battajlun biex jieħdu ħsieb is-suldati, u ieħor bl-isem ta' Provveditur li għandu jaħseb għal manteniment, u jien bqajt Direttur tal-affarijiet. Wara dan qagħadt naħseb mil-liema postijiet konna nistgħu nkunu attakkati u sibt li min-naħa ta' l-art kienu jistgħu jattakkawna minn erba' partijiet, li huma: Minn Kordin, mill-parti taz-Zilfa, mill-parti tal-mina ta' fuq li tieħu għat-triq tal-Mitħna ta' Burgħlem u mill-Kottonera tan-naħa ta' Ħaż-Żabbar. Mill-baħar konna nistgħu nkunu attakkati minn erba' parti li huma, tax-Xgħajra, min-naħa taż-Żonqor, min-naħa ta' Delimara u dik ta' Benghajsa. U biex nuri liema post inkun qiegħed attakat mill-għadu ġibt l-arblu tas-sinjali ki kien fuq il-knisja ta} Ħal-Għaxaq, li kien ilu hemm sa minn żmien l-Ordni, u qegħedtu fuq il-fondispizju

tal-knisja taż-Żejtun. Imbagħad għamilt erba' bandieri kwadri u erba kornetti li l-Maltin isejħulhom fjammi. Dawn kellhom juru li meta titla' bandiera waħda l-attakk ġej min-naħa ta' Zilfa, tliet bandieri, mill-mina ta' fuq, l-erba' bandieri li l-attakk ikun min-naħa tax-Xgħajra, żewġ fjammi min-naħa ta' Żonqor , tlieta min-naħa ta' Dellimara u erba' min-naħa ta' Bengħajsa.

"Dawn is-sinjali jaħtu li fl-ewwel ġranet il-Franċiżi ma ħarġux biex jieħdu taħt idejhom il-kampanja kif qaltli l-mejta sinjura Kontessa Pawla de Fremaux, li hi stess semgħat il-Ġeneral Franċiż u xi uffiċjali jgħidu li dawn is-sinjali u dan l-armar ma humiex xogħol il-"mammalucchi," iżda għandhom xi nies barranin li qegħdin igħinuhom u jmexxuhom. Sadattant kellna żmien li niffortifikaw il-fruntiera taż-Żejtun kif ukoll iż-Żabbarin jiffortifikaw il-fruntiera tagħhom, billi ħadu l-kanuni u l-balal mill-fortifikazzjonijiet qodma li kien hemm max-xtut. Fil-fruntiera taż-Żejtun għamilt trunċiera jgħidulha "tas-Salib," iffortifikata b'seba' kanuni, trunċiera oħra msejħa ta' "San Klement" b'erba' kanuni, oħra "ta' Karpju" b'żewġ kanuni u t-trunċiera "ta' Fas" b'ħames kanuni. It-triqat kollha mnejn jista' jattakkana l-għadu mlejnihom b'ħaġar kbir biex ma jkunx jistgħu jgħaddu kif ġieb u laħaq.

Għall-ħabta ta' nofs-in-nhar dehret l-iskwadra Portuġiża u... daħlet fil-port ta' Marsaxlokk. Fil-21 ta' Settembru, bagħatna tnejn min-nies magħrufin b'interpretu magħhom jismu Wenzu Farrugia, li kien jaf tajjeb bl-ilsien Portugiż, biex igħid lil l-Armirall x'qiegħed isir u fl-istess ħin jitolbu xi għajnuna ta' l-armi, jiġifieri xi azzarini, porvli, balal u żniet. L-imsemmi Armirall għoġbu jagħtina 75 xkubetta, porvli, balal u żniet u b'dan jiena għarraft lill-pajżani l-oħra kollha.

Fit-18 ta' Settemru waslu xi biċċiet tal-gwerra Ngliżi u tawna madwar 1,850 azzarin, porvli, balal, żniet u miċċa. Wara ftit ġranet ġie l-Armirall Ingliż Nelson. Allura l-iskwadra Portugiża telqet u ħallitilna għal xi żmien l-Inġinier Pereira, u uffiċjal ta' l-artillerija jismu Don Mattew.

Għal l-ikel meħtieġ għall-għajxien tal-Battaljuni u oħrajn, bqajna lura u kont nibża' li dan-nuqqas għad jikber. Imbagħad fittixt nara kif nagħmel u ġieni f'rasi li nitlob lir-Re ta' Sqallija biex jagħtina l-qamħ u x-xgħir bil-krittu fuq il-ġid tal-Gżira kollha... Il-Provveditur, il-Kap tal-Battalun u xi oħrajn bdew iġibu xi diffikultajiet... Allura x-xorti riedet lis-Sur Assessur Wiġi Agius ħareġ mill-Belt u ġie joqgħod fid-dar tiegħu fiż-Żejtun... u dan is-sinjur fehem lill-Provveditur, lill-Kap tal-Battaljun u oħrajn li aħjar isir kif komt ħsibt jien. Biex nagħmlu dan, kien hemm bżonn li nuru lin-nies; allura l-istess Sur Agius indaħal biex jikteb dan l-avviz inkella Bandu u jiena iffirmajtu u ġiegħelt li jkun ippublikat fiż-Żejtun, u waħħalt il-karti mal-kantunieri. Meta għalaq iż-żmien, inkell iż-żmien għal min xi ħadd irid jiġri jgħid li ma jridux, aħna ż-Żwieten, l-Għaxqin, iż-Żabbarin u l-Gudjani għażilna d-deputati sabiex jitilqu biex jitobu lir-Re tad-Due Sicilie; u għal grazzja t'Alla ġejna mismugħa u qlajna l-grazzja..."

---

1. Mons. Mifsud – Origine della Sovranità Inglese p. 249. Miġjub mill-istorja taż-Żejtun ta' E.B. Vella.